MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Numru. 320/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**JOSEPH ZAHRA ta' 62 sena, iben Gerald u Maria nee' Salisetti, imwieled Paola nhar l-4 ta' Novembru, 1947 u residenti f'numru 3 Giorgio Court, Triq il-Qampiena Birkirkara I.D. 9849547(M).**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Zahra** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fis-sena 2002 u fis-snin ta' wara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b'risoluzzjoni wahda approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta' flus li globalment tlahhaq l-ammont ta' Lm1,152, liema somma ta' flus kienet tappartjeni lis-socjeta Sound Vision Print Limited u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe' li jigu kkonsenjati lis-socjeta Sound Vision Print Limited u dan bi ksur tal-Artiklu 293 u 294 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-istqarrija fejn huwa wiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tiegu.

Rat wkoll il-kunsens tal-Avukat Generali a Fol 10 tal-process.

Rat wkoll li fil-mori tal-kawza l-imputat beda jhallas parti mis-somma mertu tal-akkuza, tant li l-parte leza certu Joseph Grech in rappresentanza tas-socjeta Sound Vision Print Limited, fl-ahhar seduta xehed li s-somma dovuta kienet giet kollha saldata.

Illi detto cio', li l-Qorti kienet rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a fol 23 Dok KHD, fejn l-istess imputat ammetta l-involviment tieghu fir-reat in dezamina.

Illi in vista' ta' hekk, wara li rat l-Artikoli 293, u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena, rat wkoll il-fedina penali ta' l-imputat. Tqis li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja sospiza, ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena (1) sospizi ghal sentejn (2).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------